MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 1824/2001/1

**Powerserv Limited**

**vs**

**Palm Travel & Shipping Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erbgha mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1447.40), rappresentanti hlas ghal servizzi ta’ informatika (IT Services) provduti mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta u minnha ordnati, skond statement (Dok. A).
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet li t-talba tas-socjeta' attrici qed tigi kkontestata ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta skond il-ligi;
2. Minghajr pregudizzju u fil-meritu, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha. Is-servizzi illi allegatament provdiet is-socjeta' attrici kienu servizzi ta' maintenance ta' 'computer software' illi s-socjeta' konvenuta kienet xtrat minghand is-socjeta' attrici stess, liema servizzi tant ma gewx provduti kif miftiehem u kif tixtieq is-sengha u l-arti f'dan ix-xoghol, li s-socjeta' konvenuta wara li soffriet danni ngenti ghal diversi snin, fl-ahhar ma kelliex triq ohra hlief li tbiddel is-'software package' kollu a spejjez taghha. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u b'riserva ta' azzjoni ghad-danni kontra l-istess socjeta' attrici.

Ra s-sentenza preliminari tas-27 ta' Mejju 2002 fejn giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------